DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-12 ta' Diċembru 2008

li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' żejt għani bl-aċtu arakidoniku minn *Mortierella alpina* bħala ingredjent ġdid tal-ikel skont ir-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 8080)

(it-test bl-Ingliż biss huwa awtentiku)

(2008/968/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Jannar 1997 dwar l-ikel il-ġdid u l-ingredjenti tal-ikel il-ġdid [1], u partikolarment l-Artikolu 7 tiegħu,

Billi:

(1) Fit-18 ta' Ġunju 1999 il-kumpanija Abbott Laboratories (issa Suntory Limited, il-Ġappun) għamlet talba lill-awtoritajiet kompetenti tal-Olanda biex iż-żejt għani bl-aċtu arakidoniku minn *Montierella alpina* jitqiegħed fis-suq bħala ingredjent ġdid tal-ikel.

(2) Fid-19 ta' Ottubru 2005 il-korp kompetenti tal-valutazzjoni tal-ikel tal-Olanda ħareġ ir-rapport ta' valutazzjoni inizjali tiegħu. F'dak ir-rapport wasal għall-konklużjoni li ż-żejt għani bl-aċtu arakidoniku minn *Mortierella alpina* jista' jintuża bla riskji fil-formuli tat-trabi u l-formuli għat-trabi prematuri.

(3) Il-Kummissjoni għaddiet ir-rapport ta' valutazzjoni inizjali lill-Istati Membri kollha fis-17 ta' Novembru 2005.

(4) Fi żmien il-perjodu ta' 60 jum stipulat fl-Artikolu 6(4) tar-Regolament (KE) Nru 258/97 tqajmu oġġezzjonijiet motivati għat-tqegħid fis-suq tal-prodott skont din id-dispożizzjoni.

(5) Għalhekk l-Awtorità Ewropea dwar is-Sikurezza Alimentari (EFSA) ġiet ikkonsultata fis-26 ta' Ġunju 2007.

(6) Fl-10 ta' Lulju 2008, l-EFSA adottat l-"Opinjoni tal-Bord Xjentifiku dwar il-Prodotti djetetiċi, in-Nutrizzjoni u l-Allerġiji fuq talba tal-Kummissjoni marbuta mas-sikurezza taż-'żejt fungali minn *Mortierella alpina*'."

(7) Fl-opinjoni l-EFSA waslet għall-konklużjoni li ż-żejt fungali minn *Mortierella alpina* huwa sors bla riskji tal-aċtu arakidoniku biex jintuża fil-formuli tat-trabi u l-formuli tal-prosegwiment.

(8) L-Anness I u l-Anness II tad-Direttiva tal-Kummissjoni (2006/141/KE) dwar formuli tat-trabi u formuli tal-prosegwiment u li temenda d-Direttiva 1999/21/KE [2] tispeċifika r-regoli għaż-żieda ta' aċti xaħmija poliinsaturati ta' katina twila (20 u 22 atomu tal-karbonju) u b'mod partikolari aċtu arakidoniku għall-formoli tat-trabi u l-formuli tal-prosegwiment.

(9) Fuq il-bażi tal-valutazzjoni xjentifika, ġie stabbilit li ż-żejt fungali minn *Mortierella alpina* huwa konformi mal-kriterji stipulati fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 258/97.

(10) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti għall-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Żejt fungali minn *Mortierella alpina* kif speċifikat fl-Anness jista' jitqiegħed fis-suq fil-Komunità bħala ingredjent ġdid tal-ikel biex jintuża fil-formuli tat-trabi u l-formuli tal-prosegwiment kif definit fl-Art. 2 tad-Direttiva 2006/141/KE u f'formuli għal trabi prematuri.

Iż-żieda taż-żejt fungali minn *Mortierella alpina* mal-formuli tat-trabi u l-formuli tal-prosegwiment għandha tkun limitata mill-kontenut tagħha ta' aċtu arikodoniku skont ir-regoli speċifikati fl-Anness I, 5.7 u l-Anness II, 4.7 tad-Direttiva 2006/141/KE. L-użu tiegħu fil-formuli għat-trabi prematuri għandu jkun skont id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 89/398/KEE [3] tat-3 ta' Mejju 1989 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar l-oġġetti tal-ikel għal użu ta' nutriment partikolari.

[1] ĠU L 43, 14.2.1997, p. 1.

[2] ĠU L 401, 30.12.2006, p. 1

[3] ĠU L 186, 30.6.1989, p. 27

Artikolu 2

Id-desinjazzjoni tal-ingredjent tal-ikel ġdid awtorizzat minn din id-Deċiżjoni fuq it-tikketta tal-oġġett tal-ikel li l-ingredjent jinsab fih għandha tkun "żejt minn *Mortierella alpina*".

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lil Beverage & Food Company, Suntory Limited, 2-4-1 Shibakoen Minato-ku, Tokyo, il-Ġappun.

Magħmula fi Brussell, 12 ta' Diċembru 2008.

Għall-Kummissjoni
Androulla VASSILIOU
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

SPEĊIFIKAZZJONIJIET TA' ŻEJT GĦANI BL-AĊTU ARAKIDONIKU MINN *MORTIERELLA ALPINA*

Deskrizzjoni

Iż-żejt għani bl-aċtu arakidoniku isfar ċar jinkiseb mill-fermentazzjoni tal-faqqiegħa *Mortierella alpina* bl-użu ta' dqiq tas-sojja u żejt tas-sojja bħala sottostrati.

Speċifikazzjonijiet ta' żejt għani bl-aċtu arakidoniku minn *Mortierella alpina*

Aċtu arakidoniku	≥ 40 %
Valur ta' perossidu	≤ 5 meq/kg
Valur tal-aċtu	≤ 0.2 mg KOH/g
Valur ta' anisidin	≤ 20
Aċti xaħmija liberi	≤ 0.2 %
Sustanza insaponifikabbli	≤ 1 %
Kulur (Lovibond bittija ta' 50.8 mm) isfar	≤ 50
Kulur (Lovibond bittija ta' 50.8 mm) aħmar	≤ 10